MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 24/2006

**L-Avukat Michael Sciriha ghan-nom**
**u in rapprezentanza ta' Portelli's Pharmacy**

**Vs**

**Darren Manicaro (ID 22980M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fl-10 ta' Jannar 2006 fejn gie premess illi peress illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fi Triq Luqa, Paola, nhar l-4 ta' Settembru 2003 meta permezz tal-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DAI 175 ghamel hsara f'zewg tined li hemm fil-fond Portelli's Pharmacy fl-indirizz hawn fuq imsemmi u dana minhabba traskuragni, imperizja, u negligenza u non osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tieghu, u peress li minkejja li gie interpellat

biex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni kawzati minnu permezz ta' ittra ufficjali ta' l-20 ta' Novembru 2003 u tas-6 ta' Lulju 2005 huwa baqa` inadempjenti, u peress li b'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li illum ghaddiet in gudikat, il-konvenut instab hati talli kkawza l-hsara in kwistjoni wara li l-istess konvenut fix-xhieda tieghu xehed li l-incident sehh unikament tort tieghu, ghalhekk l-istess konvenut qed jintalab ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn Lira Maltin (Lm200) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni sofferti minnhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali precitati u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-24 ta' Frar 2006 fejn gie eccepit illi l-konvenut mhux qed jichad ir-responsabbilita` u d-danni li saru fit-tined tal-fond Portelli Pharmacy, izda s-somma mitluba mhux dovuta stante illi wahda mit-tined diga ssewwiet u saret gdida u tpoggiet fil-post u t-tinda l-ohra lesta maghmula gdida wkoll u lesta biex titwahhal.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007, l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-seduta tas-27 ta' Gunju 2007.

Ra illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 la deher il-konvenut u lanqas r-rapprezentant legali tieghu u ra d-dikjarazzjoni verbalizzata ta' Dr Franco Galea ghall-attur li tghid illi kien kellem lid-difensur tal-konvenut u gharrfitu illi l-konvenut ma kienx kellimha u talbitu jipprocedi.

Ra illi Dr Franco Galea ghall-atturi talab illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni.

Ra illi l-kawza thalliet fil-fatt ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi filwaqt illi l-attrici ressqet il-provi kollha in sostenn tat-talbiet taghha, il-konvenut ma ssostanzja b'ebda mod l-eccezzjonijiet tieghu.

Illi r-responsabbilita` tal-konvenut ghad-danni riklamati ma hix kontestata.

Illi dwar il-kwantum tad-danni, it-Tribunal jinnota illi **PS 1257 Conrad Ellul** xehed illi l-attrici kienet taghtu stima tal-hsarat fl-ammont ta' mija u tmienja u tletin Liri Maltin (LM138).

L-attrici minn naha l-ohra tghid (15.03.07) illi l-istima kienet tlahhaq l-mitejn Liri Maltin (Lm200).

Illi Doks NS5, NS6 u NS7 pprezentati b'nota tat-8 ta' Marzu 2007, li huma tlett stimi ghax-xogholijiet necessarji, juru illi l-hsara tammonta ghal mija u tnejn u disghin Liri Maltin (Lm192) – liema stimi ma humiex kontestati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u tnejn u disghin Liri Maltin (Lm192), bl-ispejjez ta' din il-kawza u bl-imghax mid-data tal-Avviz, in kwantu illi ma jirrizultawx riferti posittivi ma' l-ittri ufficcjali (mhux kopji legali) esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------